IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.9.2025
COM(2025) 508 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI U T-TĦADDIM EFFIĊJENTI TAD-DIRETTIVA 2012/18/UE DWAR IL-KONTROLL TA' PERIKLI TA' INĊIDENTI KBAR LI JINVOLVU SUSTANZI PERIKOLUŻU GĦALL-PERJODU 2019-2022

WERREJ

INTRODUZZJONI....2

1. SOMMARJU TAR-RAPPORTI TAL-ISTATI MEMBRI....3

1.1. Statistika dwar l-istabbilimenti....3

1.1.1. Numru ta' stabbilimenti....3

1.1.2. Pjanijiet esterni ta' emerġenza....6

1.1.3. Informazzjoni lill-pubbliku....8

1.1.4. Spezzjonijiet....10

1.1.5. Projbizzjoni tal-użu, penali u strumenti koerċittivi oħrajn....13

1.2. Statistika dwar inċidenti kbars....13

2 IT-TRIQ 'IL QUDDIEM BIEX TITTEJJEB IL-PREVENZJONI TAL-INĊIDENTI INDUSTRIJALI....17

3 KONKLUŻJONIJIET....20

INTRODUZZJONI

L-inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikoluży jippreżentaw theddida sinifikanti għall-bnedmin u għall-ambjent u spiss jikkawżaw telf ekonomiku sostanzjali u jfixklu t-tkabbir sostenibbli.

F'dan il-kuntest, id-Direttiva 2012/18/UE[1] dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikoluży ("id-Direttiva Seveso III") tistabbilixxi l-qafas rilevanti dwar miżuri ta' ġestjoni tar-riskju biex jiġu prevenuti inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikoluży u biex jiġu żgurati tħejjija, prevenzjoni u rispons xierqa jekk xorta jseħħu dawn l-inċidenti.

Din id-Direttiva kellha tiġi trasposta mill-Istati Membri sat-1 ta' Ġunju 2015 u tkopri stabbilimenti fejn jistgħu jkunu preżenti sustanzi perikoluży (eż. matul l-ipproċessar jew il-ħżin) fi kwantitajiet li jaqbżu ċerti limiti. Skont in-numru ta' sustanzi perikoluży preżenti jew li aktarx ikunu preżenti, l-istabbilimenti jiġu kkategorizzati f'livelli aktar baxxi u ogħla u dawn tal-aħħar jiġu soġġetti għal rekwiżiti aktar stretti.

Għalhekk, id-Direttiva Seveso III għandha rwol ewlieni fit-tmexxija tal-UE li hija industrijalizzata ħafna lejn tniġġis żero minn inċidenti industrijali, impenn stabbilit fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero. L-Istati Membri għandhom l-obbligu li jipprovdu lill-Kummissjoni rapport ta' kull 4 snin dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Seveso III, f'konformità mal-Artikolu 21(2) tagħha. Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor is-sottomissjonijiet tal-Istati Membri għall-perjodu 2019-2022, skont l-Artikolu 29[2], biex tiġi pprovduta informazzjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-istat kurrenti tal-implimentazzjoni tad-Direttiva Seveso III.

Dan isegwi l-ewwel rapport li ġie ppubblikat fl-2021 u li kien ikopri l-perjodu 2015-2018[3].

Dan ir-rapport jinkludi żewġ partijiet:

- il-Parti I tiġbor fil-qosor l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Seveso III. It-Taqsima 1.1 tkopri l-informazzjoni miġbura permezz tar-rapporti sottomessi mill-Istati Membri f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/896/UE[4], li tiffoka fuq oqsma problematiċi identifikati aktar kmieni, issupplimentati b'data dwar l-istabbilimenti ta' Seveso estratti mill-bażi tad-data tas-Sistema ta' Rkupru tal-Informazzjoni dwar l-Impjanti ta' Seveso (eSPIRS, Seveso Plants Information Retrieval System)[5]. L-għan ta' dan is-sommarju huwa li jiġi vvalutat il-livell ta' implimentazzjoni tad-Direttiva u

---

([1]) Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikoluży, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE, ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1-37.

([2]) Id-data għar-Renju Unit ġiet ikkunsidrata għan-numru ta' stabbilimenti ta' Seveso rrapportati fl-2019, meta r-Renju Unit kien għadu Stat Membru.

([3]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u t-tħaddim effiċjenti tad-Direttiva 2012/18/UE dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikoluży għall-perjodu 2015-2018, 29/09/2021, COM(2021) 599.

([4]) 2014/896/UE: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Diċembru 2014 li tistabbilixxi l-format għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikoluży (notifikata bid-dokument C(2014) 9335).

([5]) EUROPA - Dashboard eSPIRS - il-Kummissjoni Ewropea

li jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas li jeħtieġ li jiġi indirizzat. It-Taqsima 1.2 tissupplimenta t-taqsima preċedenti b'data dwar l-inċidenti miksuba minn analiżi tal-bażi tad-data ta' inċidenti kbar (eMARS, Major Accident Reporting System)[6], imħaddma mill-Uffiċċju dwar il-Perikli ta' Inċidenti Maġġuri (MAHB, Major Accident Hazard Bureau) taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea.

- Il-Parti II tiddeskrivi l-azzjonijiet antiċipati li l-Kummissjoni se tieħu biex taħdem mal-Istati Membri biex ittejjeb ulterjorment il-prevenzjoni tal-inċidenti industrijali u t-tħejjija, inkluż billi tindirizza n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni.

Bħal fil-każ ta' valutazzjonijiet preċedenti, is-sejbiet ta' dan ir-rapport huma primarjament ibbażati fuq l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti sottomessi mill-Istati Membri u fuq l-analiżi dettaljata tagħhom[7] kif ukoll fuq data rilevanti oħra estratta mill-bażijiet tad-data eSPIRS u eMARS.

Ir-rapporti tas-27 Stat Membru li jkopru l-perjodi tar-rapportar 2019-2022 u l-perjodi tar-rapportar preċedenti huma disponibbli għall-pubbliku[8].

1. SOMMARJU TAR-RAPPORTI TAL-ISTATI MEMBRI

Is-27 Stat Membru kollha ssottomettew ir-rapporti tagħhom ta' kull 4 snin lill-Kummissjoni għall-perjodu 2019-2022.

1.1. Statistika dwar l-istabbilimenti

1.1.1. Numru ta' stabbilimenti

Fl-2022, total ta' 11 059 stabbiliment fl-EU27 kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Seveso III (ara l-*Illustrazzjoni 1*). Din hija żieda ta' 168 stabbiliment addizzjonali meta mqabbla mal-perjodu tar-rapportar preċedenti u 10 836 stabbiliment ġew irrapportati fl-istess 27 Stat Membru fl-2018[9]. Matul il-perjodu tar-rapportar, l-Istati Membri bl-akbar sehem ta' stabbilimenti ta' Seveso kienu l-Ġermanja (34 %), Franza (11 %), l-Italja (9 %), Spanja (8 %) u l-Polonja (4 %).

(6)Sistema ta' Rappurtar ta' Inċidenti Maġġuri (https://emars.jrc.ec.europa.eu).

(7) Analysis and summary of Member States' reports on implementation of Directive 2012/18/EU on the control of major accident hazards involving dangerous substances according to the format established by Commission Implementing Decision 2014/896/EU

(8) https://circabc.europa.eu/w/browse/4cc9ca17-0920-4d8a-8796-6ffa170612b7

(9) Madankollu, bil-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, in-numru totali ta' stabbilimenti ta' Seveso rrapportati fl-2022 kien aktar baxx min-numru totali ta' stabbilimenti ta' Seveso rrapportati fl-2018 (sa 717). Din iċ-ċifra kienet tinkludi data mir-Renju Unit, li dak iż-żmien kien il-pajjiż bir-raba' l-ogħla numru ta' stabbilimenti ta' Seveso fl-UE.

Il-proporzjonijiet tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla (UTE, upper-tier establishments)[10] u tal-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi (LTE, lower-tier establishments)[11] kienu kostanti matul il-perjodu tar-rapportar u mill-perjodu tar-rapportar preċedenti, u medja ta' 43 % li kienu UTE u 57 % LTE.

Illustrazzjoni 1: Numru ta' stabbilimenti ta' Seveso fl-2022[12]



Kif jidher fl-*Figure 2*, tista' tiġi osservata żieda bil-mod iżda kostanti sal-2018 fin-numru ta' stabbilimenti koperti bid-Direttiva. Dan jeħtieġ li jitqiegħed f'kuntest bi tliet sensiliet ta' tkabbir tal-UE matul dan il-perjodu (l-2004, l-2007 u l-2013) u bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Seveso III wara r-reviżjoni tad-Direttiva 96/82 tad-9 ta' Diċembru 1982 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' inċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi[13] (id-Direttiva Seveso-II) fl-2012. Id-data dwar l-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi bdiet tiġi rrapportata biss mill-perjodu tar-rapportar 2009-2011.

Wara l-2018, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea wassal għal tnaqqis fin-numru totali ta' stabbilimenti ta' Seveso meta mqabbel mal-perjodu preċedenti, peress li r-Renju Unit, fl-2018, kien il-pajjiż bir-raba' l-ogħla numru ta' stabbilimenti ta' Seveso fl-UE (8

(10) L-Artikolu 3.2 tad-Direttiva Seveso III: "stabbiliment tal-livelli aktar baxxi" tfisser stabbiliment fejn is-sustanzi perikolużi jkunu preżenti fi kwantitajiet li jkunu ugwali għal jew ogħla mill-kwantitajiet elenkati fil-Kolonna 2 tal-Parti 1 jew fil-Kolonna 2 tal-Parti 2 tal-Anness I, iżda inqas mill-kwantitajiet elenkati fil-Kolonna 3 tal-Parti 1 jew fil-Kolonna 3 tal-Parti 2 tal-Anness I, meta applikabbli bl-użu tar-regola ta' addizzjoni stabbilita fin-nota 4 għall-Anness I.

(11) L-Artikolu 3.3 tad-Direttiva Seveso III: "stabbiliment tal-livelli ogħla" tfisser stabbiliment fejn is-sustanzi perikolużi jkunu preżenti fi kwantitajiet li jkunu ugwali għal jew ogħla mill-kwantitajiet elenkati fil-kolonna 3 tal-Parti 1 jew tal-Parti 2 tal-Anness I, meta applikabbli bl-użu tar-regola ta' addizzjoni stabbilita fin-nota 4 għall-Anness I.

(12) Sors: eSPIRS.

(13) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE tad-9 ta' Diċembru 1996 dwar il-kontroll ta' perikoli ta' inċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi, *ĠU L 10, 14.1.1997, p. 13–33*.

%). Madankollu, kif imsemmi hawn fuq, ta' min jinnota li n-numru ta' stabbilimenti ta' Seveso fl-istess 27 Stat Membru tal-UE żdied bi ftit bejn l-2018 u l-2022.

Illustrazzjoni 2: Evoluzzjoni tan-numru ta' stabbilimenti ta' Seveso 1996-2022[14]



L-aktar kategoriji speċifiċi komuni ta' attivitajiet li jaqgħu taħt id-Direttiva Seveso III matul il-perjodu tar-rapportar huma[15]:

1) Ġenerazzjoni tal-enerġija, provvista u distribuzzjoni (15 %)

2) Ħżin tal-fjuwil (11 %)

3) Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut (9 %)

1.1.2. Pjanijiet esterni ta' emerġenza

L-Artikolu 12(1)(b) tad-Direttiva Seveso III jirrikjedi li l-operaturi jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni meħtieġa għalihom biex ifasslu pjanijiet esterni ta'

([14]) Sors: eSPIRS. Id-data għall-1996 u għall-1999 ma hijiex kompletament komparabbli minħabba d-definizzjonijiet differenti tal-istabbilimenti u tal-installazzjonijiet. Jista' jkun li diversi installazzjonijiet li jkunu jinsabu fl-istess stabbiliment ġew irrapportati b'mod individwali, u dan jispjega t-tnaqqis apparenti fl-2002. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta' sustanzi perikoluż nbidlet bid-Direttiva Seveso III.

([15]) Sors: eSPIRS.

emerġenza (EEPs, external emergency plans) għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla. Dawn il-pjanijiet huma importanti biex jippermettu rispons rapidu koordinat għal inċidenti kbar u għandhom rwol kruċjali biex jimminimizzaw l-effetti tagħhom. Dawn iridu wkoll jiġu rieżaminati u ttestjati f'intervalli ta' mhux aktar minn 3 snin (l-Artikolu 12(6) tad-Direttiva).

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu, fid-dawl tal-informazzjoni li tinsab fir-rapport dwar is-sikurezza, u jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom, li r-rekwiżit li jipproduċu EEP ma għandux japplika (l-Artikolu 12(8) tad-Direttiva).

1.1.2.1. Tħejjija ta' pjanijiet esterni ta' emerġenza

Kif muri fl-*Figure 3*, fi tmiem il-perjodu tar-rapportar, l-EEPs tfasslu għall-biċċa l-kbira tal-istabbilimenti fil-ogħla livell li għalihom dan kien meħtieġ. Bħala medja, 96 % tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla kellhom EEP matul il-perjodu tar-rapportar, jew kienu awtorizzati li ma jkollhomx wieħed.

L-aktar raġuni komuni invokata mill-awtoritajiet kompetenti biex jiġġustifikaw in-nuqqas ta' EEP hija li, abbażi tal-valutazzjoni tagħhom, il-konsegwenzi ta' inċidenti kbar ma jestendux lil hinn mil-limitu tas-sit u/jew ma jkollhom l-ebda riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. Ġustifikazzjonijiet oħrajn li ġew ipprovduti kienu n-nuqqas ta' preżenza kontinwa ta' sustanzi perikoluż fl-istabbiliment, in-nuqqas ta' elementi vulnerabbli fl-elementi madwar l-istabbilimenti, u l-effetti limitati ta' inċident potenzjali.

L-4 % li jifdal tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla ma kellhomx EEP, li jindika nuqqas ta' konformità mad-Direttiva Seveso III jew żbalji fir-rapportar. Is-sitwazzjoni tvarja fost l-Istati Membri - ara l-Illustrazzjoni 3.

Illustrazzjoni 3: Sehem ta' stabbilimenti tal-livelli ogħla li għalihom tfassal pjan estern ta' emerġenza jew li ma kienx meħtieġ matul il-perjodu tar-rapportar[16]

([16]) Sors: Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri u l-eSPIRS.



1.1.2.2.Ittestjar u rieżami ta' pjanijiet esterni ta' emerġenza

Fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 12(6) tad-Direttiva Seveso III dwar ir-rieżami u l-ittestjar tal-EEP, il-perjodu tar-rapportar 2019-2022 juri tnaqqis fin-numru ta' pjanijiet esterni ta' emerġenza li jiġu rieżaminati, ittestjati, u meta jkun meħtieġ aġġornati f'intervalli xierqa ta' mhux aktar minn 3 snin meta mqabbla mal-perjodu tar-rapportar preċedenti.

Fl-2022, 21 % tal-EEP eżistenti ma kinux ġew ittestjati f'dawn l-aħħar 3 snin. Dan normalment huwa spjegat mid-diffikultajiet ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. Raġunijiet oħrajn invokati jinkludu n-nuqqas ta' riżorsi umani, in-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji, u l-fatt li l-kontribut meħtieġ għall-pjanijiet esterni ta' emerġenza ma kienx qed jiġi pprovdut. L-informazzjoni rrapportata hija ppreżentata fl-*Figure 4*.

Illustrazzjoni 4: Sehem ta' stabbilimenti tal-livelli ogħla li għalihom ġew ittestjati pjanijiet esterni ta' emerġenza matul l-2019-2022[17]



1.1.3. Informazzjoni lill-pubbliku

Skont l-Artikolu 14(1), l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Anness V tkun disponibbli b'mod permanenti għall-pubbliku, inkluż b'mod elettroniku, u li tiġi aġġornata meta jkun meħtieġ.

Skont l-Anness V, l-istabbilimenti kollha huma meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar l-isem u l-post tas-sit, l-attività tas-sit, is-sustanzi perikoluži preżenti, u d-data tal-aħħar spezzjoni. L-istabbilimenti tal-livelli ogħla jridu jagħmlu disponibbli informazzjoni addizzjonali, inkluż sommarju għall-pubbliku dwar in-natura tal-perikli ta' inċidenti, informazzjoni dwar miżuri ta' sikurezza kif ukoll aspetti rilevanti tal-pjan estern ta' emerġenza, u, meta jkun applikabbli, indikazzjoni ta' jekk l-istabbiliment huwiex qrib it-territorju ta' Stat Membru ieħor bil-possibbiltà ta' inċident kbir b'effetti transkonfinali.

L-Istati Membri ntalbu jirrapportaw is-sehem ta' stabbilimenti li għalihom l-informazzjoni elenkata fl-Anness V tad-Direttiva ma kinitx disponibbli. B'mod ġenerali, din id-dispożizzjoni hija implimentata sew, b'informazzjoni disponibbli b'mod permanenti għall-pubbliku, inkluż b'mod elettroniku, għal 96 % tal-istabbilimenti kollha madwar l-UE. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Seveso III relatati mad-disponibbiltà permanenti tal-informazzjoni skont l-Anness V. Għadd limitat biss ta' Stati Membri rrapportaw li l-informazzjoni mitluba skont l-Anness V ma kinitx disponibbli b'mod permanenti fir-rigward ta' xi stabbilimenti tal-livelli ogħla. Għall-biċċa l-kbira tagħhom, tali informazzjoni saret disponibbli għall-pubbliku fuq talba. Ġew identifikati wkoll xi żbalji fir-rapportar.

Din l-informazzjoni hija ppreżentata fl-*Figure 5.*

([17]) Sors: Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri u l-eSPIRS.

Illustrazzjoni 5: Sehem ta' stabbilimenti li għalihom l-informazzjoni fl-Anness V saret disponibbli għall-pubbliku b'mod permanenti[18]



Barra minn hekk, l-Artikolu 14(2)(a) jirrikjedi li, għall-istabbilimenti tal-livelli ogħla biss, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li x'aktarx jiġu affettwati minn inċident kbir jirċievu b'mod regolari, mingħajr ma jkollhom jitolbu dan, informazzjoni dwar il-miżuri ta' sikurezza u l-imġiba meħtieġa fil-każ ta' inċident kbir.

Fl-2022, l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' sikurezza u l-imġiba meħtieġa fil-każ ta' inċident kbir saret disponibbli b'mod attiv għall-pubbliku kkonċernat għal 96 % tal-istabbilimenti kollha tal-livelli ogħla fl-EU27. Dan huwa titjib meta mqabbel mal-perjodu tar-rapportar preċedenti li matulu tali informazzjoni saret disponibbli għal 91 % tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla kollha fl-EU27, u l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jikkonformaw bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Seveso III u ftit Stati Membri biss jirrapportaw li l-informazzjoni ma hijiex disponibbli. Din l-informazzjoni hija ppreżentata fl-*Illustrazzjoni* 6 hawn taħt.

L-aktar mezzi użati b'mod komuni li bihom l-informazzjoni dwar il-miżuri ta' sikurezza u l-imġiba meħtieġa nżammet disponibbli b'mod permanenti matul il-perjodu tar-rapportar kienu l-internet (22 Stat Membru tal-UE) segwit minn fuljetti (5 Stati Membri tal-UE), gazzetti u fuljetti żgħar.

([18]) Sors: Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri.

Illustrazzjoni 6: Perċentwal (%) ta' stabbilimenti tal-livelli ogħla li għalihom l-informazzjoni dwar miżuri ta' sikurezza u mġiba meħtieġa saret disponibbli għall-pubbliku b'mod attiv[19]



1.1.4. Spezzjonijiet

L-Artikolu 20 tad-Direttiva Seveso III jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' spezzjoni u programm ta' spezzjonijiet għall-istabbilimenti kollha. L-istabbilimenti tal-livelli ogħla jridu jiġu spezzjonati kull 12-il xahar u l-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi jridu jiġu spezzjonati kull 36 xahar, sakemm ma jintużax programm ta' spezzjoni bbażat fuq evalwazzjoni sistematika.

Skont l-Artikolu 20(5), l-evalwazzjoni sistematika tal-perikli tal-istabbilimenti kkonċernati trid tkun ibbażata, tal-inqas, fuq l-impatti potenzjali tal-istabbilimenti kkonċernati fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, kif ukoll fuq ir-rekord tal-konformità mar-rekwiżiti tad-Direttiva Seveso III. Dawn il-kriterji jridu jiżguraw tal-inqas l-istess livell ta' effettività bħall-ispezzjonijiet imwettqa fuq bażi annwali jew ta' kull 3 snin. Kemm l-istabbilimenti tal-livelli ogħla kif ukoll dawk fil-livell aktar baxxi huma koperti minn din id-dispożizzjoni.

Meta jkun xieraq, iridu jiġu kkunsidrati s-sejbiet rilevanti tal-ispezzjonijiet imwettqa skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE.

Abbażi tad-data rrapportata mill-awtoritajiet kompetenti għall-perjodu tar-rapportar, medja ta' 65 % tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla tal-EU27 ġew spezzjonati tal-inqas kull sena (ara. *Figure 7*). Għall-istabbilimenti li jifdal, il-programm ta' spezzjoni, inkluż il-

(19) Sors: Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri u l-eSPIRS.

frekwenza taż-żjarat fuq is-sit, huwa bbażat fuq evalwazzjoni sistematika tal-periklu ta' inċidenti kbar tal-istabbiliment ikkonċernat[20].

Għall-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi, bħala medja saru spezzjonijiet mill-inqas darba kull 3 snin f'86 % tal-istabbilimenti tal-livelli aktar baxxi tal-EU27 (ara *l-Illustrazzjoni 8)*[21].

Illustrazzjoni 7: Sehem ta' stabbilimenti tal-livelli ogħla spezzjonati mill-Istati Membri[22]



	AT	BE*	BG	CY*	CZ*	HR	DE	DK*	EE	EL	ES*	FI	FR	HU*	IE*	IT	LT	LU	LV	MT*	NL	PL	PT	RO	SE	SI*	SK*
Abbaži ta' evalwazzjoni sistematika (stabbilimenti tal-grad ogħla) - %	17%	100%	0%	100%	18%	100%	80%	100%	0%	0	0%	100%	0%	0%	0%	100%	5%	0%	0%	0%	100%	0%	92%	0%	28%	0%	0%
Spezzjonat mill-inqas darba fis-sena (meta l-Istat Membru pprovda d-data)	87%	0%	100%	100%	92%	57%	43%	100%	100%	38%	69%	31%	100%	100%	100%	22%	95%	100%	100%	100%	100%	100%	8%	100%	72%	100%	100%

(20) Xi Stati Membri rrapportaw data li tikkoinċidi bejn dawn it-tipi ta' spezzjonijiet, peress li xi stabbilimenti jiġu spezzjonati abbażi ta' evalwazzjoni sistematika ta' perikli ta' inċidenti kbar u jiġu spezzjonati wkoll mill-inqas darba fis-sena.

(21) Għal stabbilimenti tal-livelli ogħla, xi Stati Membri rrapportaw data li tikkoinċidi, peress li xi stabbilimenti jiġu spezzjonati abbażi ta' evalwazzjoni sistematika filwaqt li għadhom qed jiġu spezzjonati kull 3 snin.

(22) Sors: Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri u l-eSPIRS.

Illustrazzjoni 8: Sehem ta' stabbilimenti tal-livelli aktar baxxi spezzjonati mill-Istati Membri[23]



B'mod ġenerali, il-proporzjon ta' stabbilimenti tal-livelli ogħla spezzjonati mill-inqas darba fis-sena naqas għall-perjodu 2019-2022 meta mqabbel mal-perjodu tar-rapportar preċedenti, u 65 % tal-istabbilimenti tal-livelli ogħla ġew spezzjonati kull sena meta mqabbel ma' 69 % għall-perjodu tar-rapportar preċedenti. Madankollu, il-proporzjon ta' stabbilimenti tal-livelli aktar baxxi soġġetti għal spezzjoni mill-inqas kull 3 snin żdied minn 65 % għal 86 % mill-aħħar perjodu tar-rapportar. Diversi Stati Membri rrapportaw li l-ispezzjonijiet kienu inqas frekwenti f'pajjiżhom matul il-perjodu 2019-2022 minħabba l-pandemija tal-COVID-19.

Il-maġġoranza tal-Istati Membri indikaw li l-leġiżlazzjoni nazzjonali jew il-gwida amministrattiva tagħhom tipprevedi spezzjonijiet koordinati jew konġunti bi spezzjonijiet imwettqa skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva 2010/75/UE dwar l-Emissjonijiet Industrijali (IED, Industrial Emissions Directive)[24] jew id-Direttiva (UE) 2015/2193 dwar l-Impjanti tal-Kombustjoni Medji (MCPD, Medium Combustion Plants Directive)[25].

1.1.5. Projbizzjoni tal-użu, penali u strumenti koerċittivi oħrajn

Skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva Seveso III, l-Istati Membri jeħtiġilhom jipprojbixxu l-operat ta' kwalunkwe stabbiliment fejn il-miżuri meħuda mill-operatur għall-prevenzjoni

([23]) Sors: Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri u l-eSPIRS.

([24]) Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u d-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma kif emendata bid-Direttiva (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 li temenda (Test b'rilevanza għaż-ŻEE).

([25]) Id-Direttiva (UE) 2015/2193 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-limitazzjoni tal-emissjonijiet ta' ċerti sustanzi niġġiesa fl-arja minn impjanti tal-kombustjoni medji (Test b'rilevanza għaż-ŻEE).

u għall-mitigazzjoni ta' inċidenti kbar ikunu neqsin serjament, bħal, fost l-oħrajn, nuqqasijiet serji biex jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa identifikati fir-rapport ta' spezzjoni.

B'kollox, matul il-perjodu tar-rapportar, disa' Stati Membri rrapportaw projbizzjoni tal-operat ta' stabbiliment minħabba li l-miżuri meħuda mill-operatur għall-prevenzjoni u għall-mitigazzjoni ta' inċidenti kbar kienu neqsin serjament. Dan kien jikkonċerna 67 stabbiliment li jirrappreżentaw 0,6 % tal-istabbilimenti ta' Seveso kollha tal-EU27 (ara. *l-Illustrazzjoni 9*).

Illustrazzjoni 9: Numru totali ta' stabbilimenti li għalihom l-użu ġie pprojbit matul il-perjodu tar-rapportar[26]



1.2. Statistika dwar inċidenti kbars

In-numru ta' inċidenti kbar huwa wieħed mill-indikaturi ewlenin kif titkejjel l-effettività ġenerali tad-Direttiva Seveso III fil-minimizzazzjoni tagħhom u tal-impatti dannużi tagħhom. Skont l-Artikolu 18, l-Istati Membri huma mitluba jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-inċidenti kbar li seħħew fit-territorju tagħhom, u li jissodisfaw il-kriterji kwantitattivi stabbiliti fl-Anness VI:

- Kriterju 1: kwalunkwe inċident kbir li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin: L-involviment ta' sustanzi perikoluż, li jikkawżaw korriment lil persuni u dannu lill-proprjetà immobbli, li jikkawżaw dannu immedjat lill-ambjent, li jikkawżaw dannu lill-proprjetà, u jikkawżaw dannu transfruntier.
- Kriterju 2: Inċident jew "kważi inċident" li l-Istati Membri jqisuh bħala ta' interess tekniku partikolari għall-prevenzjoni ta' inċidenti kbar u għat-tnaqqis tal-konsegwenzi tagħhom iżda li ma jissodisfax il-kriterji kwantitattivi ddefiniti taħt il-kriterju 1.

Ir-rapportar ta' tali avvenimenti jsir permezz ta' bażi ta' data dedikata (eMARS)[27] imqiegħda għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' tagħlimiet

([26]) Sors: Ir-rapporti ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri.

([27]) EUROPA - Dashboard tal-eMARS - il-Kummissjoni Ewropea

meħuda minn inċidenti li jinvolvu sustanzi perikoluż sabiex jittejbu l-prevenzjoni ta' inċidenti kimiċi u l-mitigazzjoni ta' konsegwenzi potenzjali.

Matul il-perjodu tar-rapportar 2019-2022, kien hemm total ta' 87 inċident ippubblikati fil-bażi tad-data eMARS[28] li minnhom 62 ġew irrapportati bħala inċidenti kbar (li jissodisfaw l-ewwel kriterju tal-Anness VI), 24 bħala kważi inċident u wieħed bħala avveniment "ieħor", kif muri fl-*illustrazzjonijiet 10 u 11*. Matul il-perjodu, il-biċċa l-kbira tal-inċidenti ppubblikati sa issa seħħew fi stabbilimenti tal-livelli ogħla (iż-żmien ta' meta r-rapporti jistgħu jiġu ffinalizzati u ppubblikati jista' jvarja skont meta l-investigazzjonijiet u l-proċessi legali finalment jiġu konklużi).

Illustrazzjoni 10: Numru ta' inċidenti skont is-sena tal-okkorrenza u skont il-livell fis-snin 2019-2022[29]



Illustrazzjoni 11: Numru ta' inċidenti skont is-sena tal-okkorrenza u skont it-tip tal-avveniment fis-snin 2019-2022[30]

([28]) Sors: eMARS. L-inċidenti li għadhom qed jiġu pproċessati jew li qed jiġu investigati u l-inċidenti fl-istat ta' ħidma ma humiex irrapportati.

([29]) Sors: eMARS.

([30]) Sors: eMARS.



L-Istati Membri li jirrapportaw jippubblikaw ukoll data dwar in-numru ta' fatalitajiet u ta' korrimenti f'inċidenti kbar u n-numru ta' inċidenti li kienu jinvolvu fatalitajiet u korrimenti (ara l-*Illustrazzjoni 12*). B'kollox, matul il-perjodu tar-rapportar 2019-2022, 21 inċident irrapportati kienu jinvolvu fatalitajiet (39 fatalità fuq il-post u fatalità waħda mhux fuq il-post) u 22 inċident kienu jinvolvu korrimenti (127 korriment fuq il-post u 28 korriment mhux fuq il-post). 35 inċident issodisfaw il-kriterju ta' limitu ta' mill-inqas żewġ miljun euro ta' danni lill-proprjetà fl-istabbiliment, skont il-punt 4(a) tal-Anness VI tad-Direttiva Seveso III.

Illustrazzjoni 12: Numru ta' fatalitajiet u korrimenti f'inċidenti Kbar ta' Seveso fl-Istati Membri tal-UE fis-snin 2019-2022[31]



Matul il-perjodu 2019-2022, l-aktar kriterji rrapportati b'mod komuni, mis-sitta pprovduti fl-Anness VI, għan-notifika ta' inċident kbir lill-Kummissjoni huma (ara *l-Illustrazzjoni 13*):

- il-kwantità ta' sustanzi involuti.

([31]) Sors: eMARS.

- ta' interess għat-tagħlimiet meħuda.
- dannu lill-proprjetà.

Illustrazzjoni 13: Kriterji għar-rapportar ta' inċidenti kbar fl-eMARS għall-perjodu 2019-2022[32]



Fir-rigward tal-attività industrijali involuta, id-data miġbura turi li l-installazzjonijiet kimiċi (33 inċident) u s-setturi tar-raffineriji petrokimiċi u taż-żejt (29 inċident) kienu l-aktar suxxettibbli għal inċidenti kbar fil-perjodu tar-rapportar (ara *l-Illustrazzjoni 14*).

Illustrazzjoni 14: Numru ta' aċċidenti u inċidenti skont it-tip tal-attività fis-snin 2019-2022[33]



([32]) It-total tal-kriterji għar-rapportar huwa ogħla min-numru totali rrapportat ta' inċidenti rrapportati, billi inċident wieħed jista' jissodisfa diversi kriterji.

([33]) Sors: eMARS.

Din id-data hija evidenza li d-Direttiva Seveso III tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kisba ta' frekwenza baxxa ta' inċidenti kbar.

Illustrazzjoni 15: Numru ta' inċidenti relatati man-numru ta' impjanti ta' Seveso fis-snin 2015-2022



	2015	2016	2017	2018	2019	2020	2021	2022
Stabbilimenti tal-grad ogħla	4720	4999	5114	5108	5101	4762	4772	4768
Stabbilimenti tal-grad aktar baxx	5282	6938	6603	6613	6806	6213	6266	6291
Inċidenti fi stabbilimenti tal-grad ogħla	27	25	25	32	17	15	18	6
Inċidenti fi stabbilimenti tal-grad aktar baxx	12	8	14	6	9	8	11	3

2 IT-TRIQ 'IL QUDDIEM BIEX TITTEJJEB IL-PREVENZJONI TAL-INĊIDENTI INDUSTRIJALI

Id-data rrapportata mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Seveso III tipprovdi informazzjoni utli biex jiġu identifikati l-azzjonijiet meħtieġa biex tittejjeb ulterjorment il-prevenzjoni tal-inċidenti industrijali. Għal dan il-fini, ġew identifikati erba' lievi ewlenin:

1. it-titjib tal-implimentazzjoni u tal-konformità.
2. l-applikazzjoni ta' rapportar simplifikat u organizzat għall-perjodi tar-rapportar li jmiss;
3. it-tisħiħ tal-iskambji bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar it-tagħlimiet meħuda u l-prattiki tajbin.
4. l-indirizzar tal-isfidi l-ġodda tas-sikurezza industrijali marbutin mat-tibdil fil-klima u t-tranżizzjoni tal-enerġija.

It-titjib tal-implimentazzjoni u tad-Direttiva Seveso III u l-konformità magħha

Id-Direttiva Seveso III kellha tiġi trasposta mill-Istati Membri sal-31 ta' Mejju 2015. Il-miżuri ta' traspożizzjoni ġew ikkomunikati mill-Istati Membri kollha.

Sadanittant, il-Kummissjoni kienet qed timmonitorja mill-qrib it-traspożizzjoni korretta tad-Direttiva u bħalissa hemm sitt proċedimenti li huma miftuħin kontra l-Istati Membri għan-nuqqas ta' traspożizzjoni korretta tad-Direttiva Seveso III.

L-informazzjoni ppreżentata fit-Taqsima 1 tenfasizza xi problemi persistenti f'ċerti Stati Membri dwar l-implimentazzjoni u l-ittestjar tal-ippjanar estern ta' emerġenza (EEP, external emergency planning) u tal-informazzjoni pubblika. Il-Kummissjoni se tinvestiga r-raġunijiet sottostanti għan-nuqqas ta' konformità f'dawk l-Istati Membri biex tivvaluta jekk dawn humiex ir-riżultat ta' problemi strutturali, f'liema każ il-Kummissjoni tikkunsidra li tibda proċedimenti ta' ksur kif xieraq[34]. Tali nuqqasijiet jistgħu jwasslu għal riskji miżjudin ta' inċidenti, u b'hekk jimminaw l-objettivi tad-Direttiva.

Biex tappoġġa ulterjorment l-isforzi ta' implimentazzjoni tal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tkompli tindirizza problemi ewlenin fost l-oħrajn permezz ta' skambji fil-Kumitat Seveso dedikat, il-Grupp ta' Esperti u l-Gruppi ta' Ħidma Teknika, kif ukoll permezz ta' dokumenti ta' gwida u rapporti tekniċi.

Simplifikazzjoni u organizzazzjoni tar-rapportar

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1979[35] ġiet adottata fl-2022 biex ittejjeb il-proċess tar-rapportar skont l-Artikoli 18(1) u 21(3) biex tipprovdi informazzjoni lill-Kummissjoni dwar il-post tal-impjanti industrijali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva Seveso III u dwar l-okkorrenza ta' inċidenti kbar. L-iżvilupp mill-ġdid mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA, European Environmental Agency) taż-żewġ bażijiet tad-data ta' Seveso eSPIRS u eMARS u l-integrazzjoni tagħhom fil-"*Portal Ewropew għall-Emissjonijiet Industrijali*"[36] wasslu wkoll għall-ħolqien ta' "punt uniku ta' servizz" ċentralizzat li jipprovdi firxa ta' informazzjoni dwar diversi aspetti relatati ma' dawn l-impjanti industrijali lill-awtoritajiet kompetenti, lill-industriji, lill-NGOs u lill-pubbliku. Dan jikkontribwixxi għall-isforzi kontinwi biex jinbena Qafas ta' Monitoraġġ ta' Tniġġis Żero integrat, kif stabbilit fil-*Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd (l-inizjattiva ewlenija 9)*.

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/113 oħra ġiet adottata fit-23 ta' Jannar 2025 li tistabbilixxi format ġdid għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Seveso III[37] skont l-Artikolu 21 ta' dik id-Direttiva.

([34]) F'konformità mal-prijoritajiet ta' infurzar kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni "Id-Dritt tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar"; C(2016)8600 final.

([35]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1979 tal-31 ta' Awwissu 2022 li tistabbilixxi l-formola u l-bażijiet tad-data għall-komunikazzjoni tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 18(1) u 21(3) tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikoluż u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/895/UE.

([36]) https://industry.eea.europa.eu/

([37]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/113 tat-23 ta' Jannar 2025 li tistabbilixxi l-format għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikoluż u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/896/UE.

Din id-deċiżjoni l-ġdida għandha l-għan li ttejjeb ir-rilevanza u l-kwalità tad-data pprovduta mill-Istati Membri filwaqt li tnaqqas il-piż amministrattiv, f'konformità mal-impenji tal-Kummissjoni skont il-linji gwida politiċi l-ġodda tagħha għall-2024-2029. F'dak ir-rigward, l-obbligi ta' rapportar għall-Istati Membri skont dan l-att ta' implimentazzjoni kienu ssimplifikati u organizzati b'mod sinifikanti meta mqabbla mal-format ta' rapportar preċedenti stabbilit skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/896/UE, filwaqt li jiżguraw ukoll ġbir sinifikanti ta' informazzjoni għas-sensiliet ta' rapportar li jmiss, li jibdew għall-perjodu 2023-2026 (li jridu jiġu rrapportati fl-2027), b'enfasi fuq data numerika u standardizzata.

It-tisħiħ tal-iskambji bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni

Il-ħidma fuq it-tagħlimiet meħuda minn inċidenti industijali kbar u spezzjonijiet industrijali hija pilastru ewlieni tad-Direttiva Seveso III. Huwa essenzjali li tinżamm il-kultura tas-sikurezza industrijali madwar l-Unjoni Ewropea u li jittejbu l-prevenzjoni u l-mitigazzjoni tal-inċidenti.

Matul l-aħħar 30 sena, il-Kummissjoni pprovdiet appoġġ tekniku u xjentifiku lill-Istati Membri, b'mod partikolari billi analizzat l-inċidenti industrijali u pprovdiet feedback dwar it-tagħlimiet meħuda.

Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, il-Kummissjoni kompliet taħdem mill-qrib mal-Istati Membri biex ittejjeb il-bini tal-kapaċitajiet tagħhom meta kien meħtieġ. Dan kien jinkludi b'mod partikolari l-grupp ta' ħidma tekniku dwar l-ispezzjonijiet u programm ta' żjarat konġunti reċiproċi fejn il-miżuri ta' prestazzjoni jistgħu jiġu identifikati u vvalutati, pereżempju t-tħejjija ta' definizzjoni komuni ta' indikaturi għall-ispezzjoni, l-abbozzar ta' gwida jew l-organizzazzjoni ta' workshops dedikati għal ħtiġijiet speċifiċi ta' politika (eż. dwar il-logħob tan-nar, l-isplussivi u n-nitrati tal-ammonju wara xi inċidenti kbar speċifiċi li jinvolvu dawk is-sustanzi perikoluż). Il-Kummissjoni pprovdiet ukoll appoġġ biex jiġu analizzati l-inċidenti industrijali u r-riskji u l-konsegwenzi relatati.

L-indirizzar tal-isfidi l-ġodda tas-sikurezza industrijali marbutin mat-tibdil fil-klima, ir-riskji relatati mas-sigurtà u t-tranżizzjoni tal-enerġija

L-ilħuq tal-objettivi tad-Direttiva Seveso III issa qed jiffaċċja sfidi emerġenti assoċjati mal-eskalazzjoni mistennija fl-intensità u fil-frekwenza tal-avvenimenti naturali mit-tibdil fil-klima u mal-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda li jakkumpanjaw it-tranżizzjoni tal-enerġija. Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea qed tiffaċċja riskji relatati mas-sigurtà marbutin mal-aggressjoni Russa fuq l-Ukrajna u attivitajiet ibridi ostili.

Il-perikli naturali, bħat-terremoti, l-għargħar, il-maltempati, it-temperaturi estremi eċċ., jistgħu jwasslu għal inċidenti kbar li jinvolvu nirien, splużjonijiet u rilaxxi tossiċi fi stabbilimenti li jipproċessaw, jaħżnu jew jittrasportaw sustanzi perikoluż. Dawn l-"effetti sekondarji" teknoloġiċi tal-impatti tal-perikli naturali jissejħu inċidenti "Natech" u, matul l-aħħar snin, kienu fokus akbar ta' ħassib fil-prevenzjoni tad-diżastri u fil-ġestjoni tar-riskji fil-livell lokali, nazzjonali u internazzjonali.

Barra minn hekk, b'impenji b'saħħithom fis-seħħ għad-dekarbonizzazzjoni tal-UE u b'azzjonijiet li għaddejjin bħalissa għat-tranżizzjoni tas-sorsi tal-enerġija, il-gvernijiet nazzjonali madwar id-dinja inkluż fl-UE qed jadottaw politiki u strateġiji biex jeliminaw gradwalment il-fjuwils fossili u jaqilbu għal sorsi tal-enerġija aktar sostenibbli għall-

mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Madankollu, dawn it-tekniki ġodda jinvolvu perikli ambjentali, tas-saħħa u ekonomiċi potenzjali, kif ukoll riskji għall-iżvilupp futur u għall-aċċettazzjoni pubblika jekk jikkontribwixxu għal inċidenti kbar. F'dan il-kuntest, il-problemi tas-sikurezza tal-batteriji u tal-idroġenu, speċjalment marbutin mal-imħażen u mal-ħżin, jitqiesu bħala tħassib kritiku[38].

F'dan ir-rigward, il-kondiviżjoni tal-għarfien, tal-esperjenza u tal-prattiki tajbin bejn l-awtoritajiet u l-esperti se tkun element essenzjali tal-azzjonijiet meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni armonizzata tad-Direttiva Seveso III u biex jiġu indirizzati dawk l-isfidi emerġenti. Dan huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-isforzi ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima ma jwasslux għal tniġġis u diżastri ambjentali u biex jiġu żgurati s-sikurezza u l-benesseri tal-pubbliku fl-UE.

3 KONKLUŻJONIJIET

Id-Direttiva Seveso III, li tkopri madwar 11 000 stabbiliment fejn jistgħu jkunu preżenti sustanzi perikoluż, għandha rwol importanti fit-tmexxija tal-UE li hija industrijalizzata ħafna lejn ambizzjoni ta' tniġġis żero permezz tal-prevenzjoni ta' inċidenti industrijali. Matul il-perjodu 2005-2022, kien hemm, bħala medja, inqas minn 30 inċident kbir kull sena fl-UE, b'impatti dejjem aktar imnaqqsa. Dan saħansitra niżel għal 22 inċident kbir fis-sena matul il-perjodu 2019-2022[39]. Din id-Direttiva hija meqjusa b'mod ġenerali bħala punt ta' referenza għall-politika tal-inċidenti industrijali u kienet mudell għal-leġiżlazzjoni f'bosta pajjiżi madwar id-dinja.

L-analiżi tar-rapporti tal-Istati Membri turi li d-Direttiva Seveso III hija implimentata b'mod ġenerali tajjeb fl-UE u li kien hemm titjib fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva Seveso III meta mqabbla mal-perjodu tar-rapportar preċedenti. Madankollu, il-pandemija tal-COVID-19 ikkawżat ukoll sfidi speċifiċi fit-twettiq tal-ispezzjonijiet u fl-ittestjar ta' pjanijiet esterni ta' emerġenza. Il-perjodu tar-rapportar li jmiss se jkun importanti biex jiġi kkonfermat li dawn l-isfidi kienu tabilħaqq ċirkostanzjali.

Meta tqis dan, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa ta' sforzi kontinwi biex jiġu pprevenuti inċidenti kbar, kif mitlub fil-Patt Ekoloġiku Ewropew u fil-pjan ta' azzjoni ta' tniġġis żero. Dan jorbot ukoll mal-linji gwida politiċi l-ġodda tal-Kummissjoni Ewropea għall-2024-2029, li fihom l-aġenda tal-UE dwar it-tħejjija u s-sigurtà hija prijorità ewlenija.

Għalhekk, il-Kummissjoni tibqa' impenjata lejn il-kooperazzjoni tagħha mal-Istati Membri biex ittejjeb il-prevenzjoni tal-inċidenti industrijali, it-tħejjija u r-rispons għalihom u biex tiżgura l-implimentazzjoni armonizzata tad-Direttiva fl-EU27. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni se tkompli tagħmel ħilitha biex issaħħaħ l-iskambji tal-aħjar prattiki għall-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons għall-aċċidenti industrijali mal-Istati

([38]) Il-Kummissjoni (MAHB) u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development) pereżempju organizzaw serje ta' webinars dwar ir-riskji tal-fjuwil tal-idroġenu mill-2023, li rawmu skambju ta' għarfien u esperjenza dwar dawk ir-riskji l-ġodda, flimkien ma' pajjiżi u esperti tal-UE u tal-OECD.

([39]) Data estratta mill-eMARS, li ma tinkludix data dwar rapporti li kienu għadhom kif inħolqu għal inċidenti fejn ir-rapporti jistgħu jkunu fi stat ta' "ħidma" u data dwar inċidenti li għadhom qed jiġu investigati. Barra minn hekk, id-data ppubblikata fl-eMARS hija parzjali minħabba li r-rapportar tal-inċidenti jista' jseħħ, bħala medja, fi kwalunkwe post bejn 6 xhur u sentejn wara li jkun seħħ l-inċident.

Membri u biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tat-tagħlimiet meħuda minn aċċidenti tal-passat bejniethom.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li jissaħħu l-isforzi dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni pubblika biex tinżamm kultura ta' sikurezza u jiġu ffaċilitati reazzjonijiet effettivi fil-każ ta' inċidenti. Is-sikurezza ma hijiex kost, iżda investiment[40].

Fis-sitwazzjoni ġeopolitika mibdula u f'kuntest fejn l-Ewropa qed tisħon darbtejn aktar malajr mill-medja globali, ir-rabta bejn l-aspetti tas-sikurezza, tas-sigurtà u dawk ambjentali tal-adattament għat-tibdil fil-klima hija prijorità għolja għall-Kummissjoni għall-perjodu 2025-2029. F'dan ir-rigward, id-Direttiva Seveso III hija strument ewlieni biex jinkisbu l-prijoritajiet tal-istrateġija l-ġdida tal-Unjoni Ewropea għal Unjoni ta' Preparatezza[41], biex jiġu ġestiti aħjar ir-riskji, issir tħejjija għal kriżijiet, u jittejbu s-sikurezza u s-sigurtà tal-popolazzjoni tagħna. Flimkien mal-Patt għal Industrija Nadifa[42], din se tkun ukoll il-bażi għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa.

([40]) L-inċidenti kbar jistgħu jirriżultaw f'impatti diretti u indiretti li huma marbuta ma' kostijiet potenzjali sinifikanti, bħall-kostijiet umani (mhux finanzjarji u finanzjarji) u l-kostijiet relatati mal-evakwazzjoni, mad-dannu lill-bini, mat-tfixkil tan-negozju, mar-rilokazzjoni temporanja tan-negozju, u mas-servizzi ta' rispons ta' emerġenza. Barra minn hekk, impatti usa' jistgħu jiġu monetizzati, bħall-effetti fuq ir-rata tal-qgħad u s-suq tal-akkomodazzjoni, il-kostijiet ambjentali, l-implikazzjonijiet nazzjonali tal-katina tal-provvista, l-effetti fuq l-industrija tal-avjazzjoni, u l-kostijiet għar-rispons tal-investigazzjoni mill-Gvern. RR1055 Modelling the economic impacts of an accident at major hazard sites (hse.gov.uk); hazards-26-paper-46-modelling-the-human-and-economic-costs-of-major-industrial-accidents.pdf (icheme.org).

([41]) Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija Ewropea ta' Unjoni tal-Preparatezza, JOIN (2025) 130 Final, 26.3.2025.

([42]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Il-Patt għal Industrija Nadifa: pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni, COM(2025) 85 Final, 26.2.2025.